

Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>**Notifika ta' dokumenti (riformulazzjoni)**

**Notifika ta' dokumenti (riformulazzjoni)**

Informazzjoni nazzjonali u formoli online rigward ir-Regolament Nru 2020/1784

#### Informazzjoni ġenerali

Ir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) (riformulazzjoni) iffittex li jtejjeb u jħaffef it-trażmissjoni tad-dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali għan-notifika bejn l-Istati Membri. Ir-Regolament jissostitwixxi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1393/2007 mill-1 ta' Lulju 2022.

Madankollu, is-sistema tal-IT deċentralizzata bħala mezz obbligatorju ta' komunikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni u l-wasla ta' talbiet, formoli u komunikazzjoni oħra se tibda tapplika biss mill-**1 ta' Mejju 2025** (l-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-**att ta' implimentazzjoni** msemmi fl-Artikolu 25 (għal aktar dettalji ara l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2020/1784)).

Ir-Regolament japplika bejn l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea inkluża d-Danimarka, li kkonfermat l-intenzjoni tagħha li timplimenta l-kontenut tar-Regolament permezz ta' **dikjarazzjoni** abbażi ta' ftehim parallel konkluż mal-Komunità Ewropea.

Ir-Regolament jipprevedi modi differenti ta' trażmissjoni u notifika ta' dokumenti: trażmissjoni permezz ta' aġenziji mittenti u riċeventi, trażmissjoni b'mezzi konsulari jew diplomatiċi, notifika bis-servizzi postali, notifika elettronika u notifika diretta.

L-Aġenziji Mittenti huma kompetenti biex jittrażmettu dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji li jridu jiġu nnotifikati fi Stat Membru ieħor. L-Aġenziji Riċeventi huma kompetenti li jirċievu dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji minn Stat Membru ieħor. Il-Korp Ċentrali huwa responsabbli biex jforni informazzjoni lill-aġenziji mittenti u jfittex soluzzjonijiet għal kwalunkwe diffikultà li tista' tinqala' waqt it-trażmissjoni tad-dokumenti għan-notifika.

Ir-Regolament jipprevedi 12-il formola.

Il-Portal Ewropew tal-e-Ġustizzja jipprovdi b'informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u b'għodda faċli li tintuża biex timla l-**formoli**.

**Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.**

#### Links relatati

Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali  
Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar in-Notifika barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali  
L-aħħar aġġornament: 22/02/2023

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.